**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' April, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**-vs-**

**Philianne Ceci, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 601082M; u**

**Jon Lawrence Formosa, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 546993M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 539/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Philianne Ceci u Jon Lawrence Formosa u ċioè talli:[1]

Fit-28 ta' Novembru, 2017, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13.30hrs) ġewwa l-lokalita tal-Pieta`:

1. Minn ġewwa residenza magħrufa bħala 'Joe', sitwata ġewwa Triq l-Orsolini, Pieta' ikkommettew serq ta' diversi oġġetti għad-dannu ta' Alfred Bartolo u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz,

[1] Akkuza sostwita a fol.227

lok u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u ħamsin ewro (€250) iżda tiskorri tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan fuq bieb tar-residenza għad-dannu ta' Alfred Bartolo u/jew persuni ohra;

3. Naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Miriam Hayman fid-digriet taghha datat 12 ta' Jannar, 2007, li bih inghatw il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Jon Lawrence Formosa waħdu talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi:**

4. Naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Micallef Trigona fid-digriet tiegħu datat 26 ta' Novembru, 2014, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Philianne Ceci waħidha talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:**

**5.** Naqset milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet tagħha datat fis-6 ta' Settembru, 2013, li bih ingħatat l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-corpus delicti fosthom tal-vettura Fiat bin-numru ta' registrazzjoni ALN-508.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputata Philianne Ceci bhala li saret recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u lill-imputat Jon Lawrence Formosa li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definitiivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali;

Ikkunsidrat:
Illi **Alfred Bartolo**, id-derubat, xehed kif ircieva telefonata li rega' safa misruq bl-ewwel serqa issehh madwar xahar qabel.[2] Sab gizirana tad-deheb, signet ring tad-deheb u *imitation ring*[3] li kien jintuza mill-commandoes nieqsin filwaqt li ngahta lura mill-pulizija laptop, tablet u kaxxa arloggi li ma kienux ta' valur. Jistma li l-oggetti li baqghu ma gewx ritornati lilu mill-pulizija jiswew mal €200, bil-valur tal-oggetti ritornati lilu jkun ta' €1,300-€1,400. Ma dan l-ammont kellu jizdied ukoll television li kien jiswa xi €350. Spjega kif kien halla r-residenza tieghu xi siegha qabel.[4] Ikkonferma li wara l-ewwel sgass l-oggetti li sab nieqsa wara din l-ahhar serqa kienu baqghu fid-dar.[5] Hsarat ma kienx hemm biex sar l-isgass ghaliex ghalkemm is-serratura infaqghet din regghet giet mwahhla b'viti godda.[6] Riprodott jistma' li l-valur ta' dak li baqa' ma nstabx kien ta' xi €250-€300.[7]

Wara li fl-4 ta' Jannar, 2018, saret tfittxija fil-vettura fis-CID yard u l-espert Mario Cassar, sab arlogg tal-marka Rolex u zewg crieket,[8] Bartolo kkonferma li dawn kienu l-istess oggetti li kien ghamel riferenza ghalihom fix-xhieda precedenti;[9] bic-curkett bl-inizjali AB, ikun tahulu missieru.[10] Bartolo nnega li kien jaf lil Ceci *"Ghandi qatt ma giet zgur….*

---

[2] Fix-xhieda tieghu moghtija fit-12 ta' Dicembru, 2017 issemmi li l-ewwel serqa sehhet *"Xi five weeks ago"*, fol.53.
[3] Fol.58
[4] Fol.55-56
[5] Fol.59
[6] Ibid.
[7] Fol.138
[8] Fol.147. Vide **Dok.AC** a fol.145 et seq.
[9] Fol.170-171
[10] 171A

*Ifhimni jien lill ohta naf jien lilha qatt ma kellimta sa fejn naf jien u ghandi qatt ma giet zgur".*[11]

In kontro-ezami Bartolo jikkonferma li ma kienx jaf lill-imputati izda kien jaf lill-oht Ceci, Donna, li kellha madwar 25-30 sena, ghax kien ltaqa' maghha xi tlett darbiet u kellu relazzjoni intima maghha.[12]Jghid li gieli ra lill-imputata ma ohtha izda qatt ma kellimha, u cahad li ta €50 lill-imputata ***"Jien mhux lil Philianne naf, lil Donna naf."***[13] Cahad li sellef xi flus lill-imputati jew li hadilhom laptop u ipad bhala rahan, u spjega li l-laptop u l-ipad lanqas hu ma kien jiftahom izda kienu pasword locked u l-pulizija fethuhom wara li cemplu lill-martu u nghataw il-password[14]. Bartolo semma li meta martu wasslet id-dar, wara li cemplilha, Ceci bdiet tghid li hu kien jiltaqa' maghha l-Marsa.[15] Mistoqsi jekk inghatax xi laptop u ipad iehor bhala rahan iwiegeb *"No. Jien qatt ma sliftu flus any way.".*[16] Bartolo baqa' jichad li kien silef flus lil Formosa jew li kien heddu b'xi pistola *"Mhux veru, qatt ma' tajthom flus jien….din l-istorja llum smajtha jien…Minn fejn giet din l-istorja?".*[17]

Fil-fatt l-**Perit Mario Cassar** ikkonferma kif fil-kors ta' tfittxija li saret ghand is-CID instabu zewg crieket u arlogg.[18] L-espert kkonferma r-relazzjoni tieghu[19] maghmula fil-kors tal-inkjesta magisterjali li kienet saret dakinhar tas-serqa minn fejn jirrizulta li l-valur tar-*res furtiva* kien ta' €564. It-television li kien ser jigi misruq kien jiswa €170 biex b'hekk l-ammont totali kien ta' €734.[20]

Ma jridx jintnesa li kif xehed Bartolo, wara li tkellem mal-espert Cassar, baqa' jsib xi oggetti ohra nieqsin fosthom ic-crieket u gizirajjen tad-deheb. Madanakollu l-valur jibqa' wiehed li ma jeccedix l-€2,329.37.

---

11 Ibid.
12 Fol.250-251
13 Fol.253
14 Fol.254
15 Fol.255
16 Fol.256
17 Fol.259-260
18 Fol.186. Vide ritratti tal-istess a fol. 193 et seq.
19 **Dok.MC1** a fol.206
20 Fol.211

Illi mill-**Current Incident Report** jirrizulta li malli giet infurmata l-Pulizija li kienet qed issehh serqa, membri tal-RIU rrikorrew fuq il-post u hemm sabu ragel u mara, l-imputati, hiergin b'sett tat-television. Irrizulta li fil-vettura li biha wasslu fuq il-post kienu nstabu arloggi, kaxxa tal-ghodda, imitation pistols, tablet u laptop.[21]

Illi **PC1189 Jurgen Falzon** ijixhed li meta wasslu fuq il-post raw il-Fiat Punto bin-numru ALN 508 ipparkjata hazina *"Waqafna ezatt, rajna bieb miftuh u zewg persuni god-dar li qed ngharaf hawnhekk fl-awla….Kif waqafna bil-karozza s-Sinjura harget mill-bieb u jien mort mall-ewwel fuqha, u l-kollega tieghi s-Surgent mar fuq is-<u>Sinjur li kien qieghed wara l-bieb kien hemm television kien qed jilghab mieghu, kien qed jipprova jaqlalu l-wires ezatt wara l-bieb</u>…..Fil-vettura taht is-seat instabu <u>tliet pistoli</u> kienu airsoft. Instabu xi <u>arloggi, xi kaxxa tal-ghodda</u>, kien hemm xi affarijiet ohra, u wara rrizulta li dawk l-affarijiet kienu li ttiehdu minn gor-residenza."*.[22] Sinifikanti hafna hu l-fatt li meta il-kuntistabbli Falzon staqsa lill-imputat dwar l-oggetti li nstabu fil-vettura li kien qed juza *"**qalli hadthom minn hemm gew, ammetta mieghi li hadhom minn hemm gew**….ukoll fil-vettura kien hemm tablet u laptop….. Li niftakar ukoll li t-tablet li nstabet gol-vettura kif giet omm it-tifel li hi sid it-tablet ikkonfermat bil-password li vera nfetah, il-password li qaltilna ommu kien infetah quddiemi li konna hadna minn gol-vettura tieghu."*.[23] Dan sehh wara li l-pulizija riedet tikkonferma li t-tablet misjuba verament kienet ta' iben id-derubat u ghalhekk x'hin wasslet il-mara ta' Bartolo, din cemplet lil binha li taha il-password sabiex it-tablet tinfetah (*unlocked*).[24] Ikkonferma li *"Jien li rkuprajt it-tablet, il-laptop, xi arloggi, kaxxa tal-ghodda u tliet pistol tal-airsoft……. dawk il-laptop, it-tablet, l-arloggi u l-pistoli li qanqluli suspett u li kkonfermajt li huma tal-familja tas-Sur Bartolo."*.[25] Mistqosi dwar dak li raw meta wasslu fuq il-post jikkonferma li l-imputati kienu ghadhom qed jigbru l-affarijiet *"<u>Hi kif rat il-karozza tal-pulizija ppruvat tohrog u s-Sinjur kien ghadu wara l-bieb hdejn it-television</u>."*.[26]

Illi **PS827 Edward Grech** spjega kif il-vettura li nstabet fuq il-post, bin-numru ALN 508 u li fiha nstabet parti mir-*res furtiva,* kienet registrata

---

[21] Fol.67
[22] Fol.78-79
[23] Fol.79-80
[24] Fol.80
[25] Fol.81
[26] Fol.82

fuq omm l-imputat. L-oggetti gew ritornati lid-derubat mill-ewwel.[27] Iddeskriva li *"Philianne kienet naqra agitata imma l-iehor kien pjuttost kalm. Formosa kien kalm, tista' timmagina li sakemm wasal l-espert tfajnieh fil-karozza tas-servizz taghna u raqad dan."*.[28] Dwar ir-*res furtiva* jghid li din kienet fuq is-seat ta' quddiem u ta' wara.[29]

Illi **PS918 Clayton Azzopardi** wasal fuq ix-xena ma PC1189 Falzon u sab li l-malviventi kienu ghadhom fir-residenza *"Is-Sinjura kienet ezattament hierga mir-residenza, jigifieri harget mir-residenza u gibdet direzzjoni lejn il-Hamrun biex niftehmu, u s-Sinjur kien ghadu gewwa. Kien qieghed vicin hafna television….. Jien rajthom gewwa r-residenza. Hi kif rat lilna harget tigri, hu kien ghadu gewwa. .. **Dak il-hin bdew jghidulna hawnhekk ta' habib taghna, hawnhekk ta' Freddie, hawnhekk ta' Freddie, jaf bina**…. Dak il-hin hu beda jghidli hekk iva. **Beda jghidli hawnhekk ta' Freddie ta' habib taghna dak jghinna, ta' habib taghna**….. Saret tfittxija zghira gewwa kien jidher taqlib gewwa. Kif ghidtlek it-television kien jidher jigifieri bil-kontra ta' kif normalment ikun, ghax hu ghandu l-bieb tar-residenza u t-television ikun imdawwar il'gewwa. Issa t-television kien imdawwar il'barra, l-wires maqlughin minn mieghu. Minn hemm bdiet tfittxija gewwa l-vettura."*.[30] Ikompli li mit-tfittxija fil-vettura nstabet kaxxa bl-arloggi, ipad li tieghu Bartolo ma kienx jaf il-pincode ghax qal li kien ta' ibnu w kaxxa sockets li kienet fuq is-seat ta' quddiem. Is-surgent Azzopardi iddeskriva kif *"Wara mbaghad iktar stharrig, wara li komplejt ghamilt tfittxija mas-sid u fittixt anki gewwa sibt il-kumplament tal-kaxxa tas-sockets li kienu ghadhom gewwa. Il-kumplament tal-kaxxa tas-sockets kien hemm xi sockets rajt xi tnejn nieqsa ghax tahieli s-sid stess. Wara gie s-sid u minn naha tieghu bdiet id-dawra fil-post biex jara x'naqaslu. Kien hemm kxaxen li kienu jidhru miftuhin u mqellbin, u ghall-ewwel l-ewwel haga li nnota li kienet nieqsa kienet is-socket set, ghax ra ir-retchet biss u s-socket set kienet nieqsa. Minn hemm indunajna li s-socket set kienet fil-vettura. Imbaghad innota li kien hemm il-pistoli tat-tifel tieghu dawn l-airguns li kienu neqsin ukoll, li sibnihom fil-vettura."* Fil-presenza tal-pulizija sar kuntatt ma iben id-derubat li wara li ghadda il-pincode tal-ipads dawn gew accessati mill-pulizija.[31]

---

[27] Fol.84-85

[28] Fol.86

[29] Fol.87

[30] Fol.92-94

[31] Fol.95

PS Azzopardi ikompli jixhed dwar il-komportament tal-imputata fil-konfront ta' Bartolo. Dan ser jassumi rilevanza aktar il-quddiem meta l-Qorti tigi biex tiqis il-veracita` o meno ta' dak li jistqarru l-imputati in lineja difensjonali. Azzopardi jghid dan *"Ghax imbaghad kien hemm qisu naqra kommossjoni, hin minnhom bdiet l-imputata bdiet kontinwament tghidlu ghax Freddie **uwejja ahfrilna uwejja tghinna inti**, anki hin minnhom bdiet tghidlu ghax inti tigi ghandna bix-xoghol, u lil Donna nsejtha, bdiet tipprova tintimidah. Bdiet issemmi xoghol ta' prostituzzjoni. ….. Bdiet tghidlu **ghax tigi mieghi bix-xoghol, semmiet hekk. Bdiet tipprova tintimidah** allura hadtu gewwa r-residenza biex ma jkunx hemm kuntatt bejn it-tnejn. Bdiet issemmilu lil certu wahda Donna u anki lilha nfisha qaltlu tigi maghna bix-xoghol. Tigi mieghi bix-xoghol…..".*[32] L-istess jinghad dwar l-imputat Formosa li jirrizulta li fil-bidu nsista li l-ipads kienu ta' uliedu *"u wara mbaghad biddel il-verzjoni. …**Ammetta li l-armi ma kinux tieghu kienu ttiehdu minn gewwa, fuq l-armi biss.**".*[33]

Ix-xhud ikompli jispjega kif Ceci *"**bdiet tghidlu Freddie, biex jahfrilhom, biex iwaqqa' kollox. Fil-bidu bdiet tghidlu biex Freddie jahfrilhom**. Wara ftit kif Freddie beda jghid li hu ma taha l'ebda permess lil hadd u d-dar kienet insterqet u kienet anki nsterqet precedentement ma jistax jibqa' sejjer hekk, mhux ghalihom, imma kien insteraq ftit qabel ukoll, u ma jistax jibqa' sejjer hekk, u mhux ha jittollera dawn l-affarijiet, ma taha permess lil hadd, bdiet tghidlu nsejt kemm gejt bix-xoghol maghna, mieghi, ma' Donna, hekk dawk l-affarijiet. Insejtha lil Donna, nsejtha lil Donna, mbaghad jiena qbadt u fridthom."*[34] Semma kif id-deskrizzjoni li ta Bartolo dwar l-oggetti li sab nieqsin qablet mad-deskrizzjoni tal-oggetti li nstab fil-vettura. Qal li Formosa kien kowoperattiv ghall-kuntrarju ta' Ceci li anke ppruvat taghtih bis-sieq.[35] In kontro-ezami jtenni li ma kienx jidher li kien hemm familjarita` bejn Ceci u Bartolo peress li filwaqt li hi kienet taf x'jismu d-derubat, Bartolo *"beda jghidli kontinwament jien ma nafhiex, qatt ma rajtha, …. semmiet certu Donna ma nafx ghal min qed tirreferi pero….".*[36]

Illi **Imodeddin Bzezi** xehed kif waqt li kien qed jixtri minn haunt, lemah persuna taghti daqqiet bis-sieq fuq bieb. Ma kienx sid id-dar ghax kien jafhom lill-girien tieghu, *"The first kick the door did not open, the second kick,*

[32] Fol.96
[33] Fol.97
[34] Fol.99
[35] Fol.98
[36] Fol.99

*it was by force okay? The car was parked in an unusual place…. There was a car in front of the home…. I recognise there was a person, at first I don't know it was a lady or not, but she was wearing a black coat and like a hoodie wearing it like that. When he entered she came with him and entered the home as well."*[37] Dan ix-xhud okulari wasal biex iddentifika l-imputati bhala l-malviventi *"because I saw them two times not once, the first time they came out with a box. Then the view was not clear because they were in the car, okay? Then the second time they closed the door when they went out. Then he kicked the door again to go in again. The lady went in, then she came out she was like that you know moving around the home. ….[Qorti: She went around the car?]…Yes. At that time the second time he went in the police arrived. When the police arrived he was just coming out, he fell down I remember he fell down on the step door….. he fell because he was running out of the house at that time…..He tripped. He tripped as soon as the police arrived. Then I knew she was a lady because they took off her hoodie and I noticed she was a lady. At first I didn't recognise the lady but then I recognised she was a lady and these are the two I recognised….. Viewing the house I was seeing everything clear."*.[38] Ix-xhud gibed filmat ta' dak li ra bil-mobile tieghu. Semma kif is-suspett li kienet qed issir serqa nibet mill-ewwel *"because I know the neighbours around over there. It was not him, and the style of the kicking of the door was not somebody lost his keys no. It was somebody knocking inside the home."*.[39]

Illi **Fabrizio Salerno** spjega kif gara tieghu qaltlu li x'aktarx kienu serqu lil Fredu ghax rathom jaghtu bis-sieq il-bieb. Cempel lil Fredu w gharrfu b'dan u ddecieda jibqa' fil-vettura ghassa. Hemmhekk ra guvni w tfajla *"rajthom hergin imbaghad wara ftit kien hemm* ***il-guvni kompla jaghti bis-sieq gol bieb u imbaghad regghu dahlu gewwa*** *imbaghad gew il-pulizija u sabuhom gewwa…* ***Il-guvni kompla jaghti bis-sieq mal-bieb u regghu dahlu imbaghad gew il-pulizija****"*.[40]

Illi **PS586 Mario Azzopardi** u **WPS293 Michelle Camilleri** kkonfermaw kif fl-4 ta' Jannar, 2018, kienu assistew lil Perit Mario Cassar fil-hin li bdew isiru tfittxijiet fid-depot fuq il-vettura. Hemmhekk fil-luggage booth instabu zewgt crieket u arlogg li jidhru fir-relazzjoni taghhom a fol.166-167. L-istess ufficjali kienu gew mahtura bhala *scene of crime*

---

37 Fol.101-102
38 Fol.102-104.
39 Fol.106
40 Fol.141-142

*officers* fil-kors tal-inkjesta magisterjali li kienet saret meta gie rrapurtat il-kaz.[41]

Illi **Karen Formosa** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehdet li l-vettura Fiat Punto griza bin-numru ALN 508, sa mit-13 ta' Frar, 2017, kienet registrata fuq Barbara Margaret Formosa, li jirrizulta mill-atti u senjatament mit-talbiet maghmulin minnha stess, li hi l-omm l-imputat.[42]

Illi l-**Ispettur Elliot Magro** ta rendikont dwar kif svolgew l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u spjega li kien ta struzzjonijiet sabiex Ceci tittiehed l-ghassa tal-pulizija filwaqt li Formosa kellu jinzamm fuq il-post sakemm isiru ezamijiet fuq il-vettura li kien stqarr li kien ghamel uzu minnha.[43] Ittiehdu stqarrijiet tal-imputati fejn dawn ghazlu li jwiegbu ghall-ebda domanda izda nnegaw li nqabdu hiergin mir-residenza derubata b'television.[44] Fil-fatt wara rrizulta li huma ma nqabbdux hiergin bit-television izda kienu qed jippruvaw jaqilawh.[45] Semma kif Formosa raqad fl-ghassa hekk kif kien qed jistenna biex jigi trasportat lejn il-lock-up.[46]

Illi **Jon Lawrence Formosa,** l-imputat, ghazel li jixhed u sostna li wara li darba minnhom meta kien mar biex jiehu l-methadone, ltaqa' ma Ceci u hi qaltlu li kienet ltaqghet ma Alfred ghax kienet marret mieghu fuq prostituzzjoni. Kellha card tieghu ghax Bartolo kien reggettier, jixtri u ibiegh, u peress li kellhom bzonn flus, marru ghandu bl-laptop u tablet li kienu differenti minn dawk li nstabu fil-vettura tieghu, biex jaraw issellifhomx flus.[47] Jghid li ddecidew jaraw isselifhomx flus ghax Bartolo kien qal lil Ceci *"ikollok bzonn xi haga cempel"*.[48] Ftiehem mieghu li jsellfu €400 u jkun hemm €100 imghax fuqhom; Bartolo kellu jzomm il-laptop u l-ipad bhala rahan. Ma gewx iffirmati karti u dan sehh f'Settembru

---

41 **Dok. AC** a fol.145.

42 Fol.129. Vide rikors ta' Barbara Formosa a fol.73. Vide ukoll fol.87, sottomissjoni tal-abbli difensur Dr. Ellis

43 Fol.108-109

44 Fol.109. Stqarrija ta' Ceci esebita bhala **Dok. EM7** a fol.33-35; Stqarrija ta' Formosa, **Dok. EM4** a fol.10-12

45 Fol.112

46 Fol.113

47 Fol.262

48 Fol.263

2017.[49] Bartolo tah zmien xahar u meta rritardjaw hmistax biex ihallsuh lura Formosa jghid li Bartolo talbu €100 ohra bhala l-imghax.[50] L-imputat jghid li hu ma qabilx li kellu jhallas €100 ohra u dak il-hin Bartolo dahal fil-hanut u hareg pistola u qallu biex ma jqabbizilux ghax ittajjarlu rasu; ghalhekk u telqu minn fuq il-post izda tah il-flus li kien staqsa ghalihom[51] Dakinhar li sehhet is-serqa l-ewwel marret thabbat Ceci imbghad mar hu *"Nammetti li dhalt…Dhalt ghax ma kienx qieghed hemmhekk, biex infittex l-affarijiet tieghi. Ghax jien gejt migdum."*[52] **Meta ma sabx hwejjgu qabad u ha l-laptop u ipad *"U hadt xi affarijiet ohra"*.** Fuq domanda tal-Qorti li kien ghadu kemm iddikjara li ammetta li seraq Formosa jwiegeb *"Mhux il-verita`!"*[53] In kontro-ezami **jerga' jammetti li l-oggetti li nstabu fil-vettura uzata minnu kienu nsterqu mir-residenza ta' Bartolo**.[54]

Illi **Philianne Ceci** ukoll xehdet fejn tenniet li *"mhux biex nisirqu morna."*[55] Iddeskriviet kif ltqaghet ma Alfred meta kienet marret ghal methadone fi triqitha lejn l-Appogg u waqfilha biex itiha lift *"xi erbgha xhur"*.[56] Ceci tkompli li baqghu sejjrin ghandu d-dar fejn kellhom relazzjoni sesswali u taha €50; wara taha card u qalilha li jekk ikollha bzonn xi haga tkellmu.[57] Iddecidiet flimkien ma Formosa li jmorru ghand Bartolo izda l-imputata tghid li ma tafx jekk ghandhux hanut – diskrepanza sinifikanti bejn il-verzjonijiet tal-imputati meta dawn suppost marru ghandu flimkien u fejn sahansitra Formosa jispjega fejn jinsab il-hanut ta' Bartolo![58] Ceci tasal tichad li qatt marret fil-hanut ta' Bartolo **"Le".[59]** Isostni li marru bil-laptop biex issellifhom €400 u dan kellu jigi ritornat lilhom meta jhallsuh €500 fi zmien xahar izda meta marru xi hmistax wara, Bartolo ried €100 ohra ghalkemm kienu gja hallsuh €500 kif miftiehem u zamm l-oggetti li tawh bhala rahan.[60] Bartolo hareg revolver biex jitilqu u qalilhom li ma kienx lest jirritorna l-

[49] Fol.264-265
[50] Fol.266
[51] Fol.267-270
[52] Fol.271
[53] Fol.272
[54] Fol.274
[55] Fol.276
[56] Fol.277
[57] Fol.278-279
[58] Vide Fol.268 xhieda ta' Formosa.
[59] Fol.280
[60] Fol.281-283

oggetti jekk ma jtuhx €100 ohra. Skond l-imputata dan sehh xi tlett gimghat qabel ma saret is-serqa u cioe` fil-bidu ta' Novembru, 2017. Kienu ddecdidew li jmorru ghandu biex issibu hwejjighom u mhux biex jisirqu ghax kieku kienu jmorru fi dlam.[61] **Meta ma sabux hwejjighom hadu oggetti ohra *"Ma kienux taghna"* u dan bil-hsieb li jggheluh jaghtihom lura hwejjighom**.[62]

Meta sar konfront bejn l-imputata u Bartolo din tasal tammetti li kienet qaltlu li jisimha Donna fi zmien meta kienet aktar mixruba *"u mhux kif jien issa"*. Bid-derubat vizibilment sorpriz b'din id-dikjarazzjoni u fejn il-Qorti setghet tikkonstata l-izbalordiment genwin tieghu, dan baqa' jinsisti li dik li kien jsimha Donna "*kellha ohta, for sure ….. Issa fixxkiltuni min hi Donna u min hi l-ohra*[63]*…Sorry, allura din x'jisimha propja*"[64] bl-imputata dlonk tiddikjara "*Kont irqaq qabel*".[65] Id-derubat jibqa' jinsiti li ma kienx minnu li ltaqa ma din Donna darba biss izda li ltaqa' maghha, kellu relazzjoni intima maghha tlett darbiet u marru jiehdu drink il-Gzira.[66]

Illi l-verzjonijiet tal-imputati huma nieqsin minn kull ombra ta' kredibilita`. Ma jaghmilx sens li semplicement ghax bniedem jaghti business card iwasslek sabiex tahseb li kien lest issellfek il-flus, dan meta minn imkien ma jirrizulta li sar xi diskors bejn Ceci u Bartolo f'dan is-sens! In-nuqqas ta' kreddibilita` ta' Ceci tohrog ukoll mill-fatt li filwaqt li hi tghid li ltaqghet mieghu darba biss meta fi kliemha kellha seba mitt sena biex tfittex titlaq il-barra, *"dik ix-xihaga ma naghmilhiex ghax mhux pjacir tieghi. Kont naghmel ghax kellhi problema. U dak il-hin biex inlesti u nitlaq irrid"*[67] , Bartolo jghid li ltaqa' maghha tlett darbiet u marru ghal drink il Gzira.

Il-Qorti tosserva li l-imputat sab diffikulta` jispjega jekk Bartolo gabx il-pistola minn go darhu, fejn sehhet is-serqa, jew minn gol-hanut. L-istess diffikulta` tigi riskontrata meta mistqosi ghaliex ma rrapurtax l-uzura jew li gie mhedded minn Bartolo lill-pulizija. Il-qorti tistaqsi: imma jekk

[61] Fol.284
[62] Fol.285
[63] Fol.289-290
[64] Fol.291
[65] Fol.290
[66] Fol.290-292
[67] Fol.288

kien ta l-oggetti lil Bartolo fil-hanut, ghaliex kellu jmur ifittxhom fir-residenza tieghu, dan meta fi kliemu kien zammhom fil-hanut tieghu? Galadarba Formosa jghid li wasal biex hallas lil Bartolo il-flus kollha dovuti inklux il-€100 wara li dan heddu b'pistola, x'raguni kellu Bartolo izomm hwejjgu? Mhemmx dubbju li l-verzjoni tal-imputat tirrizenta l-hrejjef; verzjoni nieqsa minn kull ombra ta' verita` bil-ghan ahhari li jipprova jiggustifika l-presenza tal-oggetti misruqa fil-vettura ta' ommu. Formosa ma hax biss laptop u ipad – li kumbinazzjoni kien halla b'rahan – izda diversi oggetti ohra fosthom arloggi, pistoli, crieket, kaxxa tas-sockets u ma jridx jintnesa li nstab jipprova jaqla television set! Jigi sottolinejat ukoll li g**hal darbtejn, fuq domandi tal-Qorti u tal-prosekuzzjoni, Formosa jammetti li seraq, kif wara kollox kien ghamel ma PC1189 Jurgen Falzon** li xehed **li meta staqsa lill-imputat dwar l-oggetti li nstabu fil-vettura li kien qed juza *"qalli hadthom minn hemm gew, ammetta mieghi li hadhom minn hemm gew"*.**[68]

Inkonsistenza li saret riferenza ghaliha hi dwar il-fatt li Formosa jinsiti li marru fil-hanut ta' Bartolo izda dan jigi kategorikament michud minn Ceci![69] Wiehed jiftakar li Formosa jsemmi li darbtejn marru fil-hanut ta' Bartolo, fejn sahansitra t-tieni darba hareg pistola ghalihom? Ghalkemm l-imputati jippruvaw igghielu jitwemmen li hallew ma Bartolo ipad u laptop – kumbinazzjoni oggetti li nstabu fil-vettura ma res furtiva ohra – l-ebda mill-imputati ma jaghti dettalji ohra dwar dawn l-oggetti bhal per ezempju l-marka/ditta taghhom! U ghal xhiex kellu ghalfejn rahan Bartolo jekk kienu ser ihallsuh lura bl-imghax? Iktar u iktar meta wasslu jhallsuh flusu kollha, x'raguni kellu Bartolo izomm oggetti li suppost thallew ghandu b'rahan? Ma ngiebet ebda prova dwar dan is-suppost self u bir-ragun ghaliex kif xehed PC 1189 Falzon, Formosa ***"Ammetta li l-armi ma kinux tieghu kienu ttiehdu minn gewwa, fuq l-armi biss."***[70] Anke quddiem din il-Qorti Formosa ma jaghti l-ebda spjegazzjoni legittima ghaliex seraq hwejjeg ohra, ***"U hadt xi affarijiet ohra"***[71] biex fuq domanda tal-prosekuzzjoni jerga' jammetti li seraq l-oggetti kollha li nstabu fil-vettura ta' ommu:

*"Pros: Jigifieri ara jekk hux nifhem sew John Lawrence, dawk l-oggetti illi nstabu nieqsa minn gor-residenza, illi nstabu fil-vettura ta' ommok, sraqtuhom*

---

[68] Fol.79
[69] Fol.280
[70] Xhieda PS Azzopardi a Fol.97
[71] Fol.272

*inti u Philianne Ceci mir-residenza ta' Alfred bartolo, dakinhar li qabduk il-pulizija?*

*Xhud: Iva, mhux diga ghidt iva."*[72]

Mistqosijiet ohra li jqumu huma dwar il-fatt li jekk kien minnu li l-imputati kienu vittmi ta' uzura u theddied perpetrati fil-konfront taghhom minn Bartolo, ghaliex meta dan wasal fuq il-post u fil-presenza tal-pulizija, ma semmew xejn dwar dan, anzi mhux talli hekk izda kif rrakontaw il-pulizija bdew jitolbu lill-istess Bartolo biex jahfrilhom filwaqt li ddeskrivewh bhala habib li kien lest jghinhom!! Tidwi x-xhieda ta' **PS918 Clayton Azzopardi** li jghid dan *"Hi kif rat lilna harget tigri, hu kien ghadu gewwa. .. Dak il-hin bdew jghidulna* ***hawnhekk ta' habib taghna, hawnhekk ta' Freddie****, hawnhekk ta' Freddie, jaf bina…. Dak il-hin hu beda jghidli hekk iva.* ***Beda jghidli hawnhekk ta' Freddie ta' habib taghna dak jghinna, ta' habib taghna***[73]*….. hin minnhom bdiet l**-imputata bdiet kontinwament tghidlu ghax Freddie uwejja ahfrilna uwejja tghinna inti, anki hin minnhom bdiet tghidlu ghax inti tigi ghandna bix-xoghol, u lil Donna nsejtha, bdiet tipprova tintimidah. Bdiet issemmi xoghol ta' prostituzzjoni.*** *….. Bdiet tghidlu* ***ghax tigi mieghi bix-xoghol, semmiet hekk****. Bdiet tipprova tintimidah allura hadtu gewwa r-residenza biex ma jkunx hemm kuntatt bejn it-tnejn.* ***Bdiet issemmilu lil certu wahda Donna u anki lilha nfisha qaltlu tigi maghna bix-xoghol. Tigi mieghi bix-xoghol****….."*[74] *….."bdiet tghidlu Freddie, biex jahfrilhom, biex iwaqqa' kollox. Fil-bidu bdiet tghidlu biex Freddie jahfrilhom. Wara ftit kif Freddie beda jghid li hu ma taha l'ebda permess lil hadd …… u mhux ha jittollera dawn l-affarijiet, ma taha permess lil hadd,* ***bdiet tghidlu nsejt kemm gejt bix-xoghol maghna, mieghi, ma' Donna, hekk dawk l-affarijiet. Insejtha lil Donna, nsejtha lil Donna****, mbaghad jiena qbadt u fridthom."*[75]

Mhux talli rrapurtaw xi uzura izda riedu lill-imputat jahfrilhom u meta dan wera bic-cjar li ma kienx lest jaghmel dan, spicca rikattat dwar il-fatt li kien ffrekwenta lil certu 'Donna'; rikatt li ma sewa ghal xejn peress li Bartolo ma gharafx lil Ceci bhala Donna u ma fehemx x'konnessjoni kien hemm mas-pserqa li kien ghadu kemm garrab! Kemm ghandu mis-sewwa li tant kienu mbezzghin minn Freddie, persuna li fi kliemhom

[72] Fol.274
[73] Fol.92-94
[74] Fol.96
[75] Fol.99

ma zammx lura milli heddidhom b'pistola, li minflok hadu b'replacement l-laptop u ipad, spiccaw zarmawh? Kemm ghandu missewwa li persuna li kienet hekk mbezza' minn dak li kien rrendiha vittma ta' uzura wara li titolbu mahrfra u ghajnuna, tispicca l-ewwel fil-vettura tas-servizz[76] u aktar tard fl-ghassa sakemm kien qed jistenna jitwassal il-lock up??[77] Jigi sottolinejat li fil-hin kollu li l-imputati ghamlu fil-kustodja tal-pulizija, ma kien hemm l-ebda accenn ghal fatt li kienu vittmi ta' uzura.

Illi maghdud dan kollu l-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputati bl-ebda mod ma giet pruvata sal-grad tal-probabbli, l-livell ta' prova mistenni mill-imputati sabiex ixxejjen il-kaz tal-prosekuzzjoni. Dik tal-imputati hi xejn ghajr verzjoni tassew mqanzha biex tipprova tiggustifika l-presenza taghhom go dar Bartolo; verzjoni li madanakollu tonqos milli tipprovdi raguni ghaliex l-imputati wara li sgassaw bieb ta' residenza hadu ferm aktar mill-laptop u ipad immaginarji li jsemmu fix-xhieda taghhom.

Fil-kuntest ta' dan kollu tispikka s-sincerita` u l-konsistenza ta' Bartolo sa mill-ewwel inkontru ma Ceci fejn dejjem sahaq li kien jaf lil certu Donna u mhux lilha. Jiigi mfakkar li fl-ewwel xhieda tieghu Bartolo nnega li kien jaf lil Ceci *"Ghandi qatt ma giet zgur…. Ifhimni jien lill ohta naf jien lilha qatt ma kellimta sa fejn naf jien u ghandi qatt ma giet zgur"*[78] u anke fil-kontro-ezami tieghu sahaq li Donna, kellha madwar 25-30 sena, kien ltaqa maghha xi tlett darbiet u kellu relazzjoni maghha[79]; ***"Jien mhux lil Philianne naf, lil Donna naf."***[80] Imbghad kif xehed PS Azzopardi meta jghid li quddiemu dakinhar tas-serqa Bartolo qal *"Ghandi qatt ma giet zgur…. Ifhimni jien lill ohta naf jien lilha qatt ma kellimta sa fejn naf jien u ghandi qatt ma giet zgur".*[81] Ceci stess tirrikonoxxi li kienet hafna irqaq u *"mixruba"* meta ltaqghet ma Bartolo u dan wara li sahaq li ma kienx gharrafha!

Il-Qorti setghet tikkonstatata kif Bartolo baqa' iccassat u thawwad hekk kif fil-konfront ma Ceci din qaltlu li kienet gidbitlu u qaltlu li kien jisimha Donna; lanqas kien jaf ezatt min kellu quddiemu tant li staqsa *Issa*

---

[76] Xhieda PS827 E. Grech a fol.86-87

[77] Xhieda Spettur Magro fol.112

[78] Ibid.

[79] Fol.250-251

[80] Fol.253

[81] Ibid.

*fixxkiltuni min hi Donna u min hi l-ohra*[82]*…*<u>*Sorry, allura din x'jisimha propja*</u>*"*[83] bl-imputata twiegbu *"Kont irqaq qabel"*.[84]. Izda anke hawn Ceci tissokta fix-xhieda taghha li ma kienitx wahda veritjiera, ghaliex filwaqt li hi tixhed li ltaqghet ma Bartolo darba biss hu jikkontradiciha u jsemmi li kienu ltaqghu u kellhom relazzjoni intima *"3 times"*.[85] X'raguni kien ser ikollu l-parte leza jinsisti li kien ltaqa' ma persuna li baqa' ma gharafiex tlett darbiet jekk mhux ghax kien ghal kollox veritjier?

Illi minkejja li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gja maghmula, d-difiza qatt ma resqet qrib li tipprova l-kaz taghha sal-grad mistenni minnha, il-fattispecie ta' dan il-kaz xorta qatt ma jistghu jinkwadraw rwiehom f'dak tar-reat ravvizat bl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn il-Qorti iddistinwgiet l-elementi li jridu jirrikorru sabiex jissussisti r-reat ta' raggion fattasi:

Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Samuel Schembri et**[86]**19**

*"Illi dwar l-elementi tar-reati ta' serq u raggjon fattasi, u d-differenza fl-element intenzjonali f'dawn iz-zewg reati sar ezami approfondit mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs John Galea et.*[87] *Wara li dik il-Qorti rriaffermat li l-elementi materjali tar-reat ta' serq huma il-contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, dwar il-hames element u cioe dak intenzjonali qalet hekk:*

*... kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li* ***dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh****. Kif jghid il-Carrara "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."Il-Professur Sir Anthony Mamo jispjega hekk: "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belongingto others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." Il-Professur Mamo izid jelabora "..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g.*

---

[82] Fol.289-290
[83] Fol.291
[84] Fol.290
[85] Fol.292
[86] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-16 ta' Gunju 2014
[87]Deciza 30 ta' Jannar 2003

*because he restores the thing) ... the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases". Pero l-istess awtur ikompli jghid li:*

*"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code" L-istess jghid MAINO: "Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto." u*

*"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. ,* ***non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto****; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*

*..... ..... ......*

*Illi mbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe'*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*
*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u*
*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi." ….*

Din il-Qorti hija konvinta li fil-kaz odjern inkwantu ghat-tehid tal-karozzi u l-parts li kienu originarjament mal-karozzi, l-elementi tas-serq ma jirrizultawx ippruvati u li ghalhekk dak li sehh huwa proprju r-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex irrizulta mill-provi li l-imputat Carlos Aquilina biegh lil Keith Johnson zewg karozzi u li gew iffirmati zewg skritturi bejniethom. Irrizulta wkoll li filwaqt li Keith Johnson kien ta lil Carlos Aquilina diversi cekkijiet li kienu *post-dated* kien hemm tlett darbiet qabel sehh l-akkadut *de quo* fejn l-imputat Carlos Aquilina mar jipprova jsarraf ic-cekkijiet u ma nghatax flus kontra taghhom. Kien dan l-episodju li donnu skatta kollox. Carlos Aquilina sostna li huwa kellu kull dritt li jiehu l-karozzi lura billi kienu nqabzu xi pagamenti u l-partijiet kienu ftehmu fi skrittura minnhom - cioe' dik li kienet tirreferi ghall-bejgh tal-escort mark1 - li jekk jinqabzu tlett pagamenti min-naha ta' Johnson il-karozza terga' awtomatikament proprjeta' ta' Carlos Aquilina sakemm ma jsirx ftehim mod iehor. Fl-iskrittura l-ohra tal-bejgh tal-karozza l-ohra ma kienx hemm tali klawsola. Ghalhekk l-imputat Aquilina ddecieda li minflok jirrikorri ghall-proceduri legali kif kellu l-jedd u d-dritt li jaghmel qabad u agixxa biex jiehu l-ligi b'idejh.

Ghalhekk isegwi li inkwantu ghal-karozzi u l-parts l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi kollha jiffiguraw u dan billi l-pussess tal-karozzi kien f'idejn Keith Johnson u ghalhekk huwa gie spussessat minnhom, m'hemmx dubju li kien hemm ftehim li Keith Johnson ma onorax il-pagamenti l-imputat Aquilina deherlu li kellu jagixxi kif agixxa bil-pretensjoni tad-dritt tieghu; u m'hemmx dubju wkoll li Johnson ma tax il-kunsens tieghu ghat-tehid tal-karozzi….

Izda f'dan l-akkadut ma kienux biss il-karozzi u l-parts taghhom li ttiehdu mill-garaxx izda kien hemm oggetti ohra fosthom ghodda, pjanci tal-karozzi, speakers u hi-fi equipment….
Filwaqt li ghall-parts u l-karozzi l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat tas-serq, il-kwistjoni hija ferm differenti ghall-oggetti l-ohra li ma kienux jifformaw parti mill-ftehim li kien jirregola il-bejgh tal-karozzi. Ghalhekk gie ippruvat li l-imputat Aquilina ghandu jinstab hati ta' serq tal-oggetti l-ohra. [emfazi tal-Qorti]

Illi mhemmx dubbju li l-konsiderazzjonijiet studjati ta' dik il-Qorti japplikaw a *contrario sensu* ghal kaz in dezamina.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti kienet lesta tiskarta l-provi u priva mis-sens kommun tasal temmen li l-imputati hadu l-laptop u l-ipad in sostituzzjoni ta' dak li suppost zamm ghandu Bartolo bhala rahan, bhala kumpens ghad-danni minnhom sofferti, d-difiza ma offriet l-ebda spjegazzjoni ghall-fatt li l-imputati serqu wkoll arloggi, crieket, 3 pistoli, kaxxa tas-sockets u kieku ma kienx ghall-intervent f'waqqtu tal-pulizija, anke t-television. Altru` li dan ma kien xejn ghajr serq *sic et sempliciter*. Hija d-definizzjoni stess tar-reat ta'ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet li tistipula li jista' javvera ruhha dan ir-reat unikament jekk l-actus reus in kwistjoni ikun sar *"bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi,"!*

Ghalhekk fuq dan l-insenjament u fuq ir-rizultanzi processwali li saret riferenza ampja ghalihom, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-ligi. B'dan izda li l-valur tar-*res furtiva* ma kienx wiehed li jeccedi l-€2,329.37.

Illi t-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni.

Illi giet esebita sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar l-1 ta' Jannar, 2013. Fiha jinsabu l-konnotati tal-imputat u ghalhekk saret id-debita prova dwar ir-recidiva tieghu.[88]

Illi ma giex pruvat li anke l-imputata hija recidiva.

Illi l-**Ispettur Spiridione Zammit** kkonferma l-kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest mahruga mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona nhar is-26 ta' Novembru, 2014, li kopja taghhom giet prezentata mill-

---

[88] Dok. **EMZ** a fol.123

prosekuzzjoni.[89] F'dawk il-proceduri l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest fuq garanzija personali ta' **€5,000**.

Min-naha tieghu l-ex spettur **Pierre Grech** kkonferma li l-imputata kienet tressqet quddiem il-Magistrat Dr. Stafrace Zammit[90] akkuzata bi ksur ta' kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. M. Hayman fit-12 ta' Jannar, 2007,[91] fil-konfront ta' kemm lill-imputata kif ukoll tal-imputat. Fil-proceduri istitwiti quddiem il-Magistrat Hayman, l-istess Grech kien l-ufficjal prosekutur u kkonferma l-identita` tal-imputati f'dawk il-proceduri fejn huma nghataw il-helsien mill-arrest fuq garanzija totali ta' LM2,800 kull wiehed li konvertiti f'munita euro ifissru **€6,520 kull wiehed**.

Illi kif inghad Grech ikkonferma l-identita` ta' Ceci fil-proceduri quddiem il-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit fejn din giet akkuzata bil-ksur tal-kundizzjonijiet mahruga mill-Magistrat Hayman, liema proceduri ghadhom *sub-judice*. F'dawk il-proceduri, nhar is-6 ta' Settembru, 2013, Ceci nghatat l-helsien mill--arrest fuq garanzija personali ta' **€10,000**.[92] Tenut kont li dawk il-proceduri ghadhom *sub-judice* ma hemm ebda impediment biex din il-Qorti tiddeciedi anke dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet regolatarji tal-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. M. Hayman.

Mhemmx dubbju li l-prosekuzzjoni gabet id-debita prova rigward l-akkuzi dwar id-diversi ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest kif addebitat lill-imputati.

Illi rigward il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali voluminuza taghhom, minn fejn jirrizulta li kemm il-darba nghataw opportunitajiet sabiex jirriformaw rwiehom. Fid-dawl ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex triq ohra ghajr li timponi piena karcerarja fuq l-imputati.

---

[89] Dok.**EMZ2** a fol.128.

[90] Fol.236

[91] Fol.335. Vide digriet relattiv imarkat Dok.**EM21** a fol.127

[92] Dok.**EM9** a fol.43

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(2), 279(a), 280(2), 325(1)(d) u 579(2)(3) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 50 u 289 tal-istess Kapitolu fil-konfront ta' Jon Lawrence Formosa wahdu, ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundanna lill-imputat **Jon Lawrence Formosa** ghal erba u erbghin (44) xahar prigunerija u lill-imputata **Philianne Ceci** ghal erba u tlettin (34) xahar prigunerija.

Inoltre` fir-rigward tal-imputat **Jon Lawrence Formosa** ghandu jigi hekk konfiskat l-ammont totali ta' **€11,520** hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona nhar is-26 ta' Novembru, 2014[93] u mill-Magistrat Hayman nhar it-12 ta' Jannar, 2007, [94] kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat taht dawk id-digrieti; u

Fil-konfront tal-imputata Philianne Ceci ghandu jigi hekk konfiskat l-ammont totali ta' **€16,520** hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Hayman nhar it-12 ta' Jannar, 2007,[95] u mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit nhar is-6 ta' Settembru, 2013[96] kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputata taht dawk id-digrieti.

Tichad it-talba ghall-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALN-508 u dan peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li sidha kienet konsapevoli tal-iskop li ghaliha ntuzat il-vettura.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati jhallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€2022.65** bejniethom, rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[93] Dok.**EM2** a fol.128.
[94] Dok.**EM21** a fol.127
[95] Dok.**EM21** a fol.127
[96] Dok.**EM9** a fol.43